MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2010

Numru. 348/2010

Il-Pulizija
(Sp Trevor Micallef)
vs
Guillaume Cuche, iben Roger, imwieled il-Belġju fit-13 ta' Lulju, 1990, Karta ta' l-Identita Belġjana numru 590-1886890-72

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli f'dawn il-Gżejjer, fl-10 ta' April, 2010 għal ħabta tas-1.10 a.m. ġewwa San Ġiljan, ikkometta serq ta' camera tar-ritratti diġitali ta' l-għamla Pentax Optio, mobile phone tal-marka Nokia, €200 fi flus kontanti, erba' CDs, set ċwievet, ġizirana u xi credit cards liema serq hu aggravate bil-ħin, bil-lok u bil-valur (aktar minn €232.94 iżda anqas minn €2,329.37) għad-dannu ta' Romina Deguara;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew

profefssjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew għarraq xi ħaġa cioe' camera tar-ritratti ta' l-għamla Pentax Optio għad-dannu ta' Romina Deguara.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' April, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' April, 2010 fejn il-Qorti ġiet infurmata li r-refurtiva ġiet irkuprata.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a), 280(1) u 328(d) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta fl-ewwel udjenza, għandu fedina penali netta u ir-refurtiva ġiet irkuprata. Għalhekk tikkundannah għal sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------